# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett: Agrikummerċ Applikat**

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: ☑**
**Akkademika: ____**
**Vokazzjonali: ____**

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**
Ix-Xjenza tal-Pjanti u tal-Annimali tiġi applikata fit-trobbija tal-pjanti, tal-annimali u tal-ħut u dan iservi ta' bażi soda għall-istudenti li huma interessati fis-setturi tal-konservazzjoni Agrikola, Akwatika, tal-Annimali Domestiċi, Veterinarja u Ambjentali. Ħafna mit-tagħlim isir b'approċċ prattiku fi ħdan is-settings li ġejjin: għelieqi, laboratorji tax-xjenza, kmamar tal-ħut, serer, 'rabbitries' u rziezet oħra, imfaqas tal-ħut, mixtliet tal-pjanti u ħafna aktar.

**Lista ta' temi studjati:**

*a. Ħidma f'ħanut tal-annimali domestiċi u fl-ambjent tal-mixtliet tal-pjanti - tikkonsisti fil-produzzjoni introduttorja tal-pjanti u tekniki ta' propagazzjoni differenti. Kura bażika tal-ħut u tal-annimali domestiċi. Is-suġġett iqis ukoll l-istock taking.*

*b. Il-kura tal-pjanti u l-annimali - tikkonsisti fid-disinn bażiku ta' ġnien u pajsaġġ. Jiġi indirizzat ukoll iż-żbir. Xogħol fuq is-saħħa u l-grooming tal-annimali jsir flimkien ma' kostruzzjoni bażika ta' acquascaping u tank tal-ħut.*

*c. Produzzjoni ta' pjanti u annimali - hawn is-suġġett jiffoka fuq il-produzzjoni tal-għelejjel fl-għelieqi u s-serer flimkien man-nutriment tal-pjanti. Kunċetti tal-produzzjoni tal-Apikultura u l-għasel. Tjur u fniek għall-kummerċ huma indirizzati wkoll.*

**Attivitajiet involuti fil-klassi:** xogħol li jinvolvi l-annimali tar-razzett, ħut u pjanti. Użu ta' apparat xjentifiku għall-għarfien ta' kunċetti tax-xjenza u t-teħid ta' kampjuni. Kura u trobbija tal-annimali. Ħafna xogħol fi gruppi. Preżentazzjonijiet u diskussjonijiet.

**Xogħol assenjat għad-dar:**
Eżerċizzji ta' konsolidazzjoni. Xi riċerka. Parti minn kompitu jista' jingħata bħala xogħol għad-dar.

**Assessjar mogħti:**
L-Assessjar tas-Sena huwa bbażat kif ġej:
Kompitu 1 u 2 (xogħol tal-kors - 70% tas-sena) – 20% xogħol miktub u 50% kompiti prattiċi.
Kompitu 3 (karta tal-eżami - 30% tas-sena) - karta bil-miktub

Il-marki għad-9, l-10 u l-11-il sena, jiġu magħduda għall-grad tas-SEAC.

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**

*a. Il-kapaċità li taħdem bħala individwu jew fi grupp.*
*b. Kunfidenza fit-trobbija tal-annimali.*
*ċ. Ħiliet fl-ortikultura, trobbija tal-annimali, akkwakultura u l-konservazzjoni ambjentali.*
*d. Kapaċità li tagħmel ġudizzji infurmati.*
*e. Ħiliet fil-ġestjoni ta' ġnien.*
*f. Ħiliet fil-kostruzzjoni t'akkwarju.*

| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br>*a. Tħossok komdu/a tagħmel xogħol b'idejk.*<br>*b. Tħossok komdu/a taħdem mal-annimali.*<br>*ċ. Tħossok komdu/a taħdem fl-għelieqi, mixtliet u serer.*<br>*d. Lest/a taħdem barra mill-klassi fil-beraħ.* |
|---|
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni**: Dirk Muscat |
| **Indirizz elettroniku:** dirk.muscat@ilearn.edu.mt |